ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
20 OCT 2021
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

**Fit-Tribunal ta Revizjoni tal-Ambjent u tal-Ippjanar.**

**Fl-Atti tal-PA/08598/20**

**Fl-ismijiet**

**Ruth Aquilina ghan-nom ta Landmark Properties Limited (C 34424)**

Approvat fit-30 ta Lulju 2021 u pubblikat fit-8 ta Ottubru 2021.

Rikors ta Ruth Aquilina noe.

Tesponi bir-rispett:-

Illi permezz tal-applikazzjoni fuq citata l-esponenta nomine kienet talbet ghal hrug ta permesss fuq sit gewwa Triq San Pawl tal-Pitkali, Had-Dingli sabiex tkompli ttella hajt tas-sejjiegh u ipprospettat hitan godda halli taghlaq l-istess sit;

Illi din l-applikazzjoni giet approvata fit-30 ta Lulju 2021 u l-esponenta irceviet formalment din id-decizjoni recentement li ggib id-data tat-8 ta Ottubru 2021;

Illi permezz ta ittra mibghuta lilha mill-Awtorita datata 8 ta Ottubru 2021, l-esponenti giet infurmata li l-permess approvat kien wiehed ta natura mhux esekwibbli peress illi kien ghad hemm xi kontijiet pendenti fuq l-istess sit;

Illi giet infurmata wkoll li tali permess qatt ma jista jidhol fis-sehh qabel ma jithallsu l-imsemmija kontijiet;

Illi tali kondizzjoni ma hiex gusta u anqas gustifikata legalment peress illi l-istess kontijiet huma ndirizzati lil terza persuna u mhux lilha;

Illi jinghad inoltre li tali kontijiet hargu mill-Awtorita fuq din it-terza persuna peress illi dan ta l-ahhar kien agixxa b'mod abbusiv u illegali billi vvjola id-drittijiet proprjetarji tal-appellanti dahal fuq is-sit meritu ta din l-applikazzjoni minnghajr il-kunsens u kontra r-rieda tal-appellanti u tefa xi terrapien, hamrija u materjal iehor fuq l-istess sit;

Illi dan ikl-fatt abbusiv tat-terz jirrizulta ampjament ipprovati anzi ammessi mill-istess terza persuna f'proceduri li kien hemm il-Qorti ta natura penali kontra tieghu;

Illi l-inkartament ta dawn il-proceduri kien gie mibghut lill-istess Awtorita tramite ittri skambjati mill-konsulent legali tal-appellanti hawn taht iffirmat;

Illi difatti bhala rizultat ta l-istess prova dokumentarja, L-Awtorita ntimata kienet addirittura rtirat ordni ta waqfien u ta twettieq kontra l-agent tal-appellanti u rtirat l-

istess enforcement fil-konfront taghhom u hallietu in vigore biss kontra t-terz aggressur (ECF50/18);

Illi in vsita tal-premess ghalhekk ma hux sew u anqas legalment fondat li l-applikanta tigi kkastigata u penalizzata ghall-aggir abbusiv u illegali kommess mit-terz fil-konfront taghha – agir li rikonoxxut mill-istess Awtorita meta rtirat l-enforcement notice fil-konfront taghha u hallietu in vigore biss fil-konfront tal-aggressur u hadd iehor.

Ghaldaqstant l-appellanti titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex ghar-ragunijiet premessi tordna li l-kondizzjoni imposta fuq l-imsemmi permess tal-hlas tal-invoices indikati fl-ittra tat-8 ta Ottubru 2021 tigi mhassra in toto u konsegwentement tordna l-hrug tal-precitat permess bhala permess esekwibbli.

**Avv. Raphael Fenech Adami**

**5 Triq il-Bazilika, Mosta.**